# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 ta' Gunju, 2018.**

**Rikors Numru 105/2018**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Numru 1224/2014 mahrug fit-28 ta' Jannar, 2015 fl-ismijiet:**

**Alexander u Maria mizzewgin Gray Bannerman, Mhairi mart Melovan sive Emanuel Galea, Alexander, Andrew u George ahwa Gray Bannerman bhala mandatarja ta' uliedha msefrin Emanuel Ian, Morag mart Peter Calleja u l-istess Peter Calleja, u Catriona, ahwa Gray Bannerman, ilkoll bhala eredi ta' Leonard Angus Gray Bannerman, in-nisa mizzewgin debiatment assistiti minn zwieghom**

**vs.**

**John Camilleri u Joseph Camilleri**
**f'isimhom proprju u okkorrendo l-istess**
**John Camilleri fil-kwalita` tieghu**
**ta' stralcjarju tas-socjeta` *CBA***
***Oilfield Services Limited* (registrata C 4371)**
**u Rita Collict u l-istess John Camilleri bhala**
**direttur u in rapprezentanza tas-socjeta` CBA**
***Oilfield Services Limited* (registrata C 7284)**
**u b'digriet tat-13 ta' Gunju 1995 Dottor Anthony**
**Cutajar u PL Vera Lungaro Mifsud gew nominati**
**kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita`**
**gjacenti ta' John Camilleri li miet fil-mori ta'**
**l-appell, u b'digriet tal-14 ta' Gunju, 1996**
**Dr. Tonio Mallia u l-PL Davinia Sullivan gew**
**nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lis-socjeta`**
**CBA *Oilfield Services Limited* u b'digriet tas-26**
**ta' Frar, 2004 Dr. Tonio Mallia gie sostitwit**
**b'Dr. Leslie Cuschieri**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-8 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti Joseph Camilleri u Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Vera Lungaro Mifsud Mizzi kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' John Camilleri sintetikament esponew s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi inhareg mandat t'inibizzjoni kontra il-fuq imsemmija rikorrenti, (ara foll 5);

1.2. Illi l-istess mandat inhareg wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata z-19 ta' Lulju, 2013, fl-ismijiet fuq premessi deciza fl-Appell fis-26 ta' Jannar, 2018, (ara foll 12), li varjat l-ewwel decizjoni;

1.3. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti fil-procedura odjerna jitolbu li *a tenur* tal-artiklu 836(1) (f) tal-Kap 12, din il-qorti:

1.3.1. Tirrevoka l-Mandat t'Inibizzjoni Numru 1224/2014 fl-ismijiet **Alexander Bannerman *et* vs. John Camilleri *et*** datat it-**28 ta' Jannar, 2015**;

1.3.2. Bl-ispejjez;

2. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 46);

3.0. Rat in-nota responsiva datata t-22 ta' Marzu, 2018, li permezz taghha uhud mill-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 57):

3.1. Illi ghad jonqos li jigu notifikati bosta mill-intimati f'din il-procedura;

3.2. Illi hu minnu li l-Mandat t'Inibizzjoni in dizamina inhareg kif indikat wara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata z-19 ta' Lulju, 2013, liema sentenza kienet riformata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza datata s-26 ta' Jannar, 2018:

3.3. Illi kienet ser tigi introdotta procedura ta' ritrattazzjoni;

3.4. Illi ghalhekk hemm ghad hemm skop li jiggustifika li l-Mandat t'Inibizzjoni *de quo* jibqa' jinzamm;

3.5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti f'din il-procedura huma intempestivi u prematuri;

3.6. Illi ghalhekk:

3.6.1. Ir-rikors promotur ghandu jigi respint sal-gudizzju definittiv;

3.6.2. Bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

4. Illi r-rikorrenti fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni, (l-intimati fil-procedura odjerna), ottjenew l-ispedizzjoni tal-imsemmi mandat kontra r-rikorrenti f'din il-procedura odjerna;

5. Illi l-imsemmi mandat datat it-28 ta' Jannar, 2015, intalab wara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata z-19 ta' Lulju, 2013, (ara foll 3), liema sentenza kienet sussegwentement giet riformata mill-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza datata s-26 ta' Jannar, 2018, (ara foll 12);

6. Illi l-ewwel qorti iddikjarat lil Joseph Camilleri u l-wirt ta' John Camilleri personalment responsabbli u kkundannathom biex flimkien u *in solidum* ihallsu d-danni likwidati;

7. Illi pero` t-tieni qorti varjat l-imsemmija sentenza u illiberat lill-imsemmija Joseph Camilleri u lill-wirt ta' John Camilleri minn kull responsabbilita` ghall-hlas ta' danni;

8. Illi fost il-proprjetajiet kolpiti mill-Mandat t'Inibizzjoni fuq riferit hemm il-proprjetajiet indikati fil-kuntratt ta' donazzjoni datat l-20 ta' Settembru, 2010, (ara foll 38);

9. Illi permezz tal-procedura prezenti r-rikorrenti odjerni jsosstnu li la l-Qorti tal-Appell illiberat lil Joseph Camilleri u lill-eredita` gjacenti ta' John Camilleri, l-imsemmi mandat t'inibizzjoni mhux aktar gustifikabbli;

Ikkunsidrat:

10. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet l-**Avukat Adrian Delia nomine vs. *European Insurance Group Limited***, datata l-**4 ta' Frar, 2013**, li sosstniet is-segwenti:

> "Illi apparti dan kollu din il-Qorti hi tal-fehma illi artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 hu dak illi hu mahsub bhala l-*umbrella clause* u jikkomprendi fih innifsu, termini aktar ampji minn dawk is-subincizi li jippreceduh ...
>
> "Fi kliem iehor taht dan is-subinciz, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hu soggett ghar-revoka fejn:
>
> "i. Cirkostanzi ma jkunux ragonevoli;
>
> "ii. L-Mandat ma jkunx aktar necessarju; jew

"iii. Mhumiex aktar gustifikabbli";

11. Illi ssir referenza wkoll ghall-provediment tal-istess qorti indikata fil-paragrafi precedenti fl-***ismijiet Peak Ogilvy & Mather Limited vs. The Jazz Cave (JC) Limited***, datata s-**7 ta' Lulju, 2017**, li sosstniet is-segwenti:

> "... *ai termini* tal-paragrafu (f) (tal-artiklu 836(1) tal-Kap 12), ghandu jkun hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-Mandat u li minhabba f'hekk ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli";

Ikkunsidrat:

12. Illi minn ezami tar-rizultanzi tal-fatti in dizamina jirrizulta assodat li effettivament kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi li taw bidu ghall-proceduri *de quo*;

13. Illi l-artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12 jimplika li jekk wara li jinhareg mandat kawtelatorju tkun sehhet xi bidla sostanzjali fic-cirkostanzi li minhabba f'hekk ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' fis-sehh, allura l-istess mandat ghandu jigi revokat;

Ikkunsidrat:

14. Illi sussegwenti ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** datata s-**26 ta' Jannar, 2018**, (ara foll 12), jirrizulta pacifiku li kien hemm din il-bidla sosstanzjali hemm indirizzata, u li din l-istess bidla sehhet wara l-hrug tal-mandat *de quo*;

Ikkunsidrat:

15. Illi l-intimati odjerni jirritjenu li minhabba l-fatt li kien bi hsiebhom jinoltraw procedura ta' ritrattazzjoni mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, allura l-mandat *de quo* ghandu jibqa' *in vigore*;

16. Illi ghandu pero` jinghad li minkejja tali presupposizzjoni jirrizulta assodat li fil-mument ta' dan il-provediment din il-procedura ta' ritrattazzjoni imsemmija ma tirrizultax li giet inoltrata *stante* li xejn mill-atti ma jindika li kienet inoltrata din il-procedura partikolari;

17.0. Illi ghaldaqstant *stante* li jirrizulta li:

17.1. Kien hemm il-bidla fic-cirkostanzi kif mitlub mill-artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12;

17.2. Dak allegat fir-rigward tar-ritrazzjoni ma sehhx;

allura t-talba tar-rikorrenti timmerita li tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi konsegwentement din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti odjerni ppruvaw t-talbiet taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

18.1. Tirrevoka l-Mandat t'Inibizzjoni Numru 1224/2014 fuq riferit fl-ismijiet **Alexander u Maria mizzewgin *Gray Bannerman et* vs. John Camilleri u Joseph Camilleri f'isimhom proprju *et***, datat it-28 ta' Jannar, 2015;

18.2. Bl-ispejjez kontra l-intimati odjerni.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**